MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 252/2008

**Bugeja Bros. Limited (C-34705)**

**vs**

**Tabbingtons Limited**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu s-socjeta' rikorrenti ssottomettiet:

<u>Dikjarazzjoni tal-Fatti</u>

1. Illi s-socjeta' ntimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' wiehed u tletin elf, tliet mija u sebgha u tmenin Euro u wiehed u tletin centezmu

(€31,387.31), ammont rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuta bhala prezz ta' merkanzija konsistenti f'timber u prodotti ta' njam u materjal iehor, supplita lis-socjeta' ntimata fuq inkarigu taghha stess, bejn April ta' l-2003 u l-ahhar ta' Awissu ta' l-2004, skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi s-socjeta' ntimata baqghet ma hallsitx dan il-bilanc hekk dovut minkejja li giet diversi drabi nterpellata sabiex taghmel dan u anki minkejja illi ammettiet hija stess illi hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti skond kif jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. B;

<u>Ir-Raguni tat-Talba</u>

1. Illi dan l-ammont ta' (€31,387.31) hu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, s-socjeta' ntimata m'ghandha ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess;

2. Illi ghaldaqstant ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Artiklu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3 Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tas-socjeta' rikorrenti.

<u>It-Talbiet</u>

Tghid ghalhekk is-socjeta' ntimata ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tikkundannaha illi thallas lis-socjeta' rikorrenti. l-ammont ta' wiehed u tletin elf, tliet mija u sebgha u tmenin Euro u wiehed u tletin centezmu (€31,387.31) ammont rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuta bhala prezz ta' merkanzija konsistenti f'*timber* u prodotti ta' njam u materjal iehor, kif fuq premess, u dan bid-dispensa mis-

smigh tal-kawza a tenur ta’ l-Artiklu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ ntimata li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Gunju, 2008;

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata li biha ammettiet it-talba kif dedotta fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ intimata t-talba kif mitluba fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ intimata tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------